MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**SILVIO CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**
**GEOFFREY VALENZIA**

**ONOR. IMHALLEF**
**GIANNINO CARUANA DEMAJO**

Seduta tal-25 ta' Mejju, 2012

Appell Civili Numru. 7/2004/2

**Charles Saliba**

**v.**

**Mary Saliba**

**Il-Qorti**

**Preliminari**

1. Dan huwa appell minn sentenza ta' separazzjoni personali deciza mill-Qorti Civili (Sezzjoni Familja) fis-27 ta' Ottubru 2011. L-appellant hassu aggravat mid-decizjoni tal-imsemmija Qorti fir-rigward tat-tort moghti lilu ghat-tifrik taz-zwieg, ghall-affidament ta' kura u kustodja

tal-minuri lill-appellata, ghall-ghoti ta’ manteniment lill-appellata u ghall-minuri, kif ukoll fir-rigward tal-mod kif l-Ewwel Qorti assenjat il-proprjeta` komuni.

2. Ghall-ahjar intendiment, is-sentenza appellata qed tigi riprodotta fl-intier taghha, mnejn jirrizultaw il-premessi u t-talbiet tac-citazzjoni tal-attur, l-eccezzjonijiet tal-konvenuta u l-konsiderazzjonijiet tal-Ewwel Qorti li wassluha ghall-konkluzjonijiet taghha. Dik is-sentenza tghid hekk:
“**Il-Qorti,**

“Rat l-att tac-citazzjoni li permezz tieghu l-attur ippremetta u talab hekk:

“Illi l-partijiet izzewgu ~~fil-21 ta’ Gunju 1990~~ fis-17 ta’ Gunju, 1990;*

“Illi minn dan iz-zwieg il-partijiet ghandhom zewgt itfal li huma Ritienne ta’ hdax-il sena (11) u Letizia ta’ tmien (8) snin;

“Illi z-zwieg bejn il-partijet tkisser irrimedjabilment u l-hajja konjugali m’ghadhiex aktar possibbli u dan minhabba tortijiet imputabbli unikament lill-konvenuta, konsistenti f’eccessi, sevizzi, ingurji gravi, mohqrija, kif ukoll minhabba inkompattibilita ta’ karattru;

“Illi l-attur gie debitament awtorizzat mis-Sekond’Awla tal-Qorti Civili sabiex jipprocedi ghas-separazzjoni personali minn martu l-konvenuta permezz ta’ digriet numru 1020/2002 datat 11 ta’ Gunju 2002, liema digriet gie prorogat fil-25 ta’ Gunju 2003;

“Tghid il-konvenuta ghaliex m’ghandhiex din l-Onorabbli Qorti:

“1. Tiddikjara s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti minhabba tortijiet imputabbli unikament lill-

* korrezzjoni kif awtorizzata b’digriet moghti fl-10 ta’ Novembru, 2011 mill-Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja)

konvenuta stante eccessi, sevizzi, ingurji gravi, mohrija, kif ukoll minhabba inkompatibbilita ta' karattru;

“2. Tiddikjara xolta u likwida l-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn il-partijiet u tassenja parti lill-attur u parti lill-konvenuta;

“3. Tawtorizza lill-attur ighix esklussivament fid-dar matrimonjali li tinsab f'8, ‘St. Rita' Triq Dwardu Cachia, Iklin;

“4. Takkorda kura u kustodja kongunta tal-minuri Ritienne u Letizia;

“5. Tordna illi l-attur ikollu access ampju u liberu versu l-minuri Ritienne u Letizia.

“Bl-ispejjez kontra l-konvenuta li minn issa hija ingunta ghas-subizzjoni.

“Rat in-nota tal-eccezzjonijiet li biha l-konvenuta eccepiet:

1. “Illi taqbel li z-zwieg bejn il-kontendenti tkisser irrimedjabilment imma dan sehh unikmanent minhabba tortijiet kommessi mill-attur konsistenti f'adulterju, sevizzi, eccessi, minacci u ingurji gravi kif jirrizulta waqt it-trattazzjoni, u minhabba li tkissier irrimedjabilment.

2. “Illi ghalhekk l-ewwel talba attrici ghandha tigi milqugha in kwantu li tigi ppronunzjata s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti izda it-tortijiet ghall-firda ghandhom jigu imputati lill-attur;

3. “Illi ghall-istess ragunijiet it-tieni talba ghandha tigi michuda u jigu applikati kontra l-istess attur id-disposizzjonijiet legali imsemmija.

4. “Illi hemm qbil li l-komunjoni ta' l-akkwisti ezistenti bejn il-partijiet tigi xjolta, likwidata u diviza bejn il-kontendenti u l-porzjoni li tigi assenjata lill-eccipjenti

ghandha tinkludi somma jew beni bl-applikazzjoni ta' l-Artikolu 54 u 55A tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

5. “Illi r-raba' talba attrici ghandha tigi respinta u ma hemmx qbil li l-attur jigi awtorizzat li jghix esklussivament fid-dar matrimonjali anzi hija l-eccipjenti li ghandha tigi awtorizzata tabita fid-dar matrimonjali ad eskluzjoni ta' l-attur.

6. “Illi l-hames talba attrici ghandha tigi respinta stante li mhux fl-interess tal-minuri li jigu affidati lill-attur kif jirrizulta waqt it-trattazzjoni.

7. “Illi is-sitt talba attrici ghandha tigi valutata skond l-ahjar interessi tal-minuri.

8. “Illi din l-Onorabbli Qorti ghandha tiffissa retta alimentarja ghaliha u ghal ulied minuri ahwa Saliba u tordna lill-attur jhallasha dik ir-retta hekk stabbilita b'dawk il-modalitajiet kollha li jidhrulha xierqa.

9. “Illi hi m'ghandhiex tbati ebda spejjez ta' dawn il-proceduri.

10. “Salvi eccezzjonijiet ulterjuri u bl-ispejjez kontra l-attur.

“Rat id-dikjarazzjonijiet guramentati, il-listi tax-xhieda u l-affidavits prezentati;

“Rat ir-rapport[1] tal-perit legali l-Avukatessa Dottoressa Christine Bellizzi;

“Semghet ix-xhieda bil-gurament;

“Semghet lil minuri kameralment;

“Ikkunsidrat;

“**L-Azzjoni**

[1] Vol.2 – fol.106 *et seq.*

“Illi permezz ta’ l-azzjoni odjerna l-attur qed jitlob is-separazzjoni personali bejn il-partijiet peress li z-zwieg tkisser irrimedjabbilment, htija unika tal-konvenuta, ghar-ragunijiet kontemplati fl-artikolu 40 tal-Kap.16.

“Min-naha taghha l-konvenuta teccepixxi li z-zwieg tkisser unikament htija tal-attur ghar-ragunijiet kontemplati fl-artikoli 38 u 40 tal-Kap.16.

“**Separazzjoni Personali**

“Illi l-partijiet izzewwgu ~~fil-21 ta’ Gunju 1980~~ fis-17 ta’ Gunju, 1990*, u minn dan iz-zwieg ghandhom zewg t’itfal Ritienne u Letizia, li twieldu rispettivament fl-1 April 1991 u fil-25 Lulju 1994, u li ghalhekk illum wahda biss ghadha minorenni.

“Illi fis-sena 2001 il-partijiet bdew jirriskontraw problemi serji, bir-rizultat li l-attur telaq mid-dar matrimonjali fil-bidu tas-sena 2002.

“Illi l-attur jlmenta li martu kienet bierda sesswalment minnu matul iz-zwieg, u li ma kienx hemm komunikazzjoni bejniethom htija tal-konvenuta. Minn naha taghha l-konvenuta, tichad dan, u tghid li l-inkwiet beda fis-sena 2001 meta l-attur dahal f’relazzjoni extra-matrimonjali ma’ certu Dianne Dimech, u bil-bidu tas-sena 2002 huwa telaq mid-dar biex ikompli b’din ir-relazzjoni.

“Illi l-Qorti, wara ezami tal-provi, hija tal-fehema li ghandha taghti affidament lill-verzjoni tal-konvenut; u taqbel mal-konsiderazzjonijiet u konkluzjoni tal-perit legali fis-sens li l-kawza tal-firda hija r-relazzjoni extra-matrimonjali li dahal fiha l-attur mal-mara fuq indikata, u li baqa’ jippersisti fiha.

“Dan premess u kkunsidrat il-Qorti hija tal-fehma li z-zwieg bejn il-partijiet tkisser irrimedjabbilment bi htija unika ta’ l-attur derivanti mir-relazzjoni adulteruza tieghu

* korrezzjoni kif awtorizzata b’digriet moghti fl-10 ta’ Novembru, 2011 mill-Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja)

ma' mara ohra. Dan il-komportament jattira *ex lega* s-sanzjonijiet kontemplati fl-artikolu 48 tal-Kap.16

"**Kura u Kustodja**

"Illi fl-interess tat-tifla minuri, li llum ghandha sbatax-il sena, il-Qorti tordna li din tibqa' fil-kura u kustodja esklussiva tal-konvenuta, b'access konkordat mat-tifla, favur il-missier.

"**Manteniment**

"Illi f'dan ir-rigward il-Qorti taqbel mal-konsiderazzjonijiet tal-perit legali[2] li wasslu ghall-konkluzjoni li l-attur ghandu mezzi u ntrojtu sufficjenti sabiex, bhala l-persuna hatja tal-firda, jhallas lill-konvenuta, bhala martu li ma tahdimx u li tghix fuq l-assistenza socjali, manteniment adegwat, kemm ghaliha, kif ukoll ghat-tfal minuri.

"Inoltre, il-fatt li ma kienx hemm kontro-talba specifika ghall-hlas ta' manteniment da parti tal-konvenuta, ma jimmilitax kontra l-likwidazzjoni minn din il-Qorti tal-manteniment dovut lill-konvenuta fic-cirkostanzi tal-kaz; ghax fil-likwidazzjoni tal-assi ta' bejn il-partijiet, il-Qorti ghandha tillikwida u tassenja dak kollu li hu dovut lil kull parti, inkluz allura manteniment, arretrat u futur, li jkun dovut. Barra minnhekk, l-obbligu li, fic-cirkostanzi, jinkombi fuq l-attur li jhallas manteniment lil martu, ghaliha u ghal uliedu, huwa wiehed *ex lege*. Ukoll, u b'izjed emfazi, jigi osservat li fin-nota tal-eccezzjonijiet[3] taghha l-konvenuta talbet li tigi fissata retta alimentari ghaliha u ghal uliedha minuri.

"Fic-cirkostanzi pero' l-Qorti ser tvarja l-ammonti ndikati mill-perit legali fir-rigward, tenut kont tal-fatt li llum l-konvenuta ghandha circa 47 sena, u ma jirrizultax li ghandha xi mpediment sabiex tghin ruhha finanzjarjament; minn naha l-ohra, il-Qorti hadet in konsiderazzjoni wkoll il-fatt li d-dar matrimonjali hija

[2] Vide rapport Vol.2 – fol.117-119; u depozizzjoni tal-perit legali in eskussjoni Vol.2 – fol.421.
[3] Vol.1 – fol.25.

parafernali tal-attur, u l-konvenuta mhux ser tinghata dritt tibqa' tabita fl-istess fond, bir-rizultat li ser tinkorri fi spejjez sabiex issib akkomodazzjoni ghaliha.

"Il-Qorti tordna li l-attur jhallas lill-attrici bhala manteniment ghaliha retta alimentari ta' LM150 [illum €349] kull xahar, u l-ammont mensili ta' LM60 [illum €140] ghat-tifla minuri Letizja sakemm din taghlaq it-tmintax-il sena, liema ammonti ghandhom jizdiedu skont l-indici tal-gholi tal-hajja.

"Inoltre, peress li mill-provi jirrizulta li l-konvenuta ma tahdimx u li matul il-proceduri kienet qeda tghix fuq l-assistenza socjali[4], l-attur ghandu jhallas lill-attrici arretrat ta' manteniment, bazat fuq l-imsemmija rati, kemm ghall-konvenuta, kif ukoll ghat-tfal minuri.

"Ghalhekk l-attur qed jigi ordnat ihallas lill-konvenuta bhala arretrat ta' manteniment ghaliha, is-somma ta' LM13,950[5] [illum €32,495], kif ukoll is-somma ta' LM3,720[6] [illum €8,665 ] arretrat ta' manteniment ghat-tifla Ritienne, u s-somma ta' LM5,580[7] [illum €12,998] bhala arretrat ta' manteniment ghat-tifla Letizia – B'kollox LM23,250 [illum €54,158].

"**Komunjoni tal-Akkwisti**

"*Likwidazzjoni*

"Din tikkonsisti fis-segwenti assi:

"[1] Garaxx tal-valur ta' LM5,000 [illum €11,647];
"[2] Garage tal-valur ta' LM6,000 [illum €13,976];
"[3] Vettura Ford Escort stmata *arbitrio boni viri* minn din il-Qorti, fl-ammont ta' LM1,000 [illum €2,329];
"[4] Salott li jiswa LM500 [illum €1,165 ];
"[5] Appliances, indikati mill-perit fir-relazzjoni taghha,[8] inkluza satellita tal-valur ta' LM380 [illum €885];

---

[4] Affidavit Vol.2 – fol.395.
[5] Mit-13 Jannar 2004 sa 13 Ottubru 2011 – 93 xahar.
[6] Mit-13 Jannar 2004 sa 13 April 2009 – 62 xahar.
[7] Mit-13 Jannar 2004 sa 13 Ottubru 2011 – 93 xahar.
[8] Vol.2 – fol.116 pg.11.

“[6] Deheb li jintlibes mill-irgiel; u deheb li jintlibes min-nisa.
“[7] Kreditu tal-komunjoni kontra l-attur fl-ammont ta’ LM2,450 [illum €5,707] rapprezentanti valur ta’ xogholijiet li saru matul iz-zwieg fid-dar matrimonjali parafernali ta’ l-attur.

“Illi rigward il-kreditu ta’ LM5,000 [illum €11,647] pretiz mill-konvenuta bhala spejjez maghmula minnha, minn flus parafernali taghha, fid-dar matrimonjali parafernali tal-attur, il-Qorti tosserva li din il-pretensjoni mhijiex sostnuta minn provi sufficjenti, u ghalhekk qed tigi skartata.

“Illi rigward l-ammont ta’ LM2,450 [illum €5,707 ] li l-konvenuta ssostni li ntefqu fiz-zwieg fuq id-dar parafernali tal-attur, il-Qorti qed taccetta din il-pretensjoni fuq bazi ta’ verosimiljanza.

“*Assenjazzjoni*

“Illi l-Qorti ma taqbilx mal-assenjazzjoni ta’ dawn l-assi kif suggerita mill-perit legali; u tordna li dawn l-assi jigu assenjati kif ser jinghad:

“[A] Illi z-zewg garaxxijiet jigu mibjugha fuq is-suq hieles fi zmien sena ghall-prezz mhux inferjuri ghall-valuri rispettivi taghhom fuq indikati, u fin-nuqqas jinbieghu bis-subbasta, u r-rikavat, <u>wara</u> li jitnaqqas minnu l-ammont ta’ LM2,450 [illum €5,707] li ghandu jigi versat lill-konvenuta, jinqasam ugwalment bejn iz-zewg partijiet.

“[5] Il-vettura Ford Escort qed tigi assenjata fl-intier taghha lill-attur, filwaqt li dan hu ordnat li jhallas lill-konvenuta s-somma ta’ LM500 [illum €1,165] sehemha mill-istess vettura;

“[6] li s-salott u l-appliances ghandhom jigu assenjati lill-attur, filwaqt li dan hu ordnat ihallas lill-konvenuta s-somma ta’ LM1,000 [illum €2,329] valur ta’ sehemha, kalkolat *arbitrio boni viri* minn din il-Qorti;

“[7] li d-deheb li jintlibes mill-irgiel ghandu jigi assenjat lill-attur, filwaqt li l-kumplament tad-deheb ghandu jigi assenjat lill-konvenuta.

“**Decide**

“Ghal dawn il-motivi tiddeciedi billi:

“[1] tilqa’ l-ewwel talba, limitatament u fis-sens li tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-partijiet bi htija esklussiva ta’ l-attur;
“[2] tichad it-tieni talba, filwaqt li tapplika fil-konfront ta’ l-attur l-artikolu 48 tal-Kap.16, fl-intier tieghu;
“[3] tilqa’ it-tielet talba u tordna x-xoljiment tal-komunjoni tal-akkwisti, u tillikwidaha u tassenjaha kif fuq stabbilit u ordnat fis-sezzjoniji ntestata ‘Komunjoni ta’ l-Akkwisti’; u tordna li l-attur jhallas manteniment, futur u arretrat, lill-konvenuta kif stabbilit u ordnat fis-sezzjoni ntestata ‘Manteniment’;
“[4] tilqa’ ir-raba’ u l-hames talba limitatament ghat-tifla Letizja, kif indikat fis-sezzjoni ntestata ‘Kura u Kustodja’ u li l-attur ihallas manteniment ghall-istess kif stabbilit u ordnat fis-sezzjoni ‘Manteniment’;

“Spejjez kollha jibqghu a kariku tal-attur.”

**<u>L-appell tal-attur</u>**

3. Illi l-aggravji tal-appellant huma fis-succint is-segwenti:-
1. L-Ewwel Qorti kienet zbaljata meta tefghet it-tort tat-tifrik taz-zwieg fuqu u naqset li tiehu in kunsiderazzjoni n-nuqqasijiet ta’ martu.

2. L-Ewwel Qorti kienet zbaljata meta ordnat li t-tifla minuri Letizia tigi affidata lill-mara stante li kienet ilha tghix mieghu ghal kwazi sentejn.

3. Il-manteniment li gie ordnat ihallas fil-konfront ta’ martu u t-tifla huwa wiehed ingust tenut kont li hu ma jahdimx u li z-zewgt itfal kienu qed jghixu mieghu. Hassu

wkoll aggravat bid-decizjoni tal-Ewwel Qorti li kkundannatu jhallas l-arretrati ta’ manteniment ghal martu u t-tfal meta minn imkien ma jirrizlta li saret tali talba da parti ta’ martu.

4. L-appellant hassu aggravat ukoll bil-mod kif l-Ewwel Qorti ikkundannatu jhallas diversi ammonti rapprezentanti sehem il-mara mill-komunjoni tal-akkwisti.

5. Fl-ahharnett hassu aggravat illi huwa gie akkollat l-ispejjez kollha tal-kawza.

**Risposta tal-konvenuta**

4. Fir-risposta taghha l-konvenuta rrilevat illi mill-assjem tal-provi prodotti wiehed ma jistax jikkonkludi illi l-Ewwel Qorti ghamlet apprezzament zbaljat tal-fatti li jippruvaw li r-raguni principali tat-tifrik taz-zwieg kienet ir-relazzjoni extra-maritali tal-attur.

5. Fir-rigward tal-kura u kustodja tat-tifla Letizia, l-appellata ssostni li hi m’ghandhiex tigi svestita mill-kura u kustodja taghha ghalkemm illum it-tifla kwazi hija maggorenni.

6. Ghal dak li jirrigwarda manteniment hija ssottomettiet li x-xhieda tal-appellant li huwa dizokkupat hi inveritjiera u dan anke in vista li matul is-snin siefer diversi drabi. Barra minn hekk, il-Qrati taghna diversi drabi rritenew li l-obbligu tal-manteniment m’huwiex marbut bl-ebda mod mal-impjieg jew introjtu tal-missier izda huwa obbligu assolut. L-appellata ssostni li d-dritt taghha li tinghatha manteniment minghand l-appellat jibqa’ vigenti billi hi ma ddekadietx minn tali obbligu ai termini ta’ dak li tistipula l-ligi.

7. Fir-rigward tal-assenjazzjoni tal-beni tal-komunjoni hija ssottomettiet li il-konkluzjonijiet tal-Ewwel Qorti sehhew *arbitrio boni viri* stante li jirrizultaw verosimili.

8. Fir-rigward ta’ spejjez dawn ghandu jhallashom l-appellant.

**<u>Konsiderazzjonijiet ta’ din il-Qorti</u>**

9. Stante li l-aggravji jikkoncernaw ukoll apprezzament ta’ fatti din il-Qorti necessarjament fliet l-atti processwali kollha biex titratta l-aggravji tal-appellant.

10. Illi fir-rigward **<u>tal-ewwel aggravju</u>** dwar ir-responsabbilita` tat-tifrik taz-zwieg, l-appellant jissottometti li l-appellata naqsitu minn diversi doveri li kellha fil-konfront tieghu fosthom nuqqas ta’ relazzjonijiet intimi, nuqqas ta’ komunikazzjoni, aggressivita` fil-konfront tat-tfal u nuqqas ta’ tisjir, nuqqas ta’ mhabba lejh. Huwa ma jinnegax li fil-fatt kellu relazzjoni ma’ terza persuna, pero` jghid li din ir-relazzjoni bdiet wara li nqalghu l-problemi bejniethom.

11. Din il-Qorti, wara li regghet rat il-provi prodotti, hija tal-fehma illi r-relazzjoni tal-appellant mal-imsemmija Diane Dimech bdiet qabel ma jsostni l-istess appellant. Fil-fatt, Josephine Vella, oht l-appellata, xehdet illi fis-sajf tas-sena 2001 hija kienet rat lill-appellant miexi gewwa Wied il-Ghajn mal-imsemmija Dimech, liema xhud ma gietx kontro-ezaminata mill-appellant.

12. Ghalkemm l-istess Diane Dimech xehdet li hija kienet ilha f’relazzjoni mal-appellant wara li l-partijiet isseparaw *de facto* din il-Qorti hi tal-fehma li din ix-xhieda m’ghandhiex mis-sewwa stante li hemm provi cari, inkluzi dawk tal-investigatur privat, li tali relazzjoni bdiet qabel. Biss biss meta l-partijiet kienu ghadhom jghixu flimkien, l-appellant dahhal lill-istess terza persuna tghix fid-dar matrimonjali. Wara li din il-persuna telqet mid-dar matrimonjali, l-appellant beda jorqod l-iljieli barra u l-affarijiet komplew sejrin ghal-aghar sakemm telaq definittivament mid-dar.

13. Min-naha l-ohra n-nuqqasijiet allegati mill-appellant fil-konfront tal-appellata bl-ebda mod ma gew sostanzjati minnu. Dak allegat mill-appellata gie sostanzjat bi provi konkreti. Ghaldaqstant din il-Qorti ma tarax li ghandha tvarja d-decizjoni tal-Ewwel Qorti fir-rigward ta’ min kien

responsabbli ghat-tifrik taz-zwieg. Ghalhekk dan l-aggravju qieghed jigi michud.

14. Fir-rigward **<u>tat-tieni aggravju</u>** u cioe` dwar l-affidament tal-kura u kustodja tal-minuri Letizia l-appellant ippretenda li l-Ewwel Qorti kellha takkordalu l-kura u kustodja taghha stante li kienet ilha tghix mieghu kwazi sentejn.

15. Din il-Qorti hija tal-fehma illi t-tifla ma telqitx minn ma' ommha minhabba li din naqsitha f'xi haga essenzjali, izda telqet biex forsi tkun aktar libera bhal ohtha li telqet tghix mal-*boyfriend* taghha.

16. Din il-Qorti hi konxja illi l-istess minuri fi ftit xhur ohra se tkun maggorenni u tkun tista' tiddeciedi hi ma' min tmur toqghod. Pero` billi f'dan l-istadju hija ghadha minorenni din il-Qorti se jkollha tippronunzja ruhha fuq dan il-punt. Il-Qorti hija tal-fehma illi l-kura u kustodja tal-minuri m'ghandhiex tigi fdata esklussivament f'idejn l-appellant izda ghandha tkun wahda kongunta bejn iz-zewg partijiet u dan billi m'hemmx ragunijiet ghaliex l-appellata ghandha titlef dan id-dritt fuq l-imsemmija tifla li pero` min-naha l-ohra jidher li hija riluttanti li terga' tmur tghix ma' ommha. Ghalhekk din il-Qorti jidhrilha li l-ahjar mod kif tista' tigi risolta din il-pendenza hija li l-kura u kustodja tal-minuri Letizia Saliba tkun afdata f'idejn iz-zewg partijiet b'dan illi l-minuri ghandha tibqa' tabita mal-missier.

17. **<u>It-tielet aggravju</u>** jikkoncerna l-ghoti ta' manteniment ghall-appellata u t-tfal. L-appellant jilmenta minn tali ordni billi skont hu l-appellata ddekadiet minn tali dritt kif ukoll billi sar jaf li hi tahdem mentri hu ma jahdimx. Inoltre, fir-rigward tat-tfal huwa jsostni li dawn ilhom jghixu mieghu ghal sentejn u sena u tmien xhur rispettivament.

18. Fir-rigward tad-dekadenza fil-konfront tal-appellata, il-Qorti diga` espremiet ruhha iktar 'il fuq fis-sens li ma gewx ippruvati l-elementi li jwasslu ghal tali dekadenza. Fir-rigward tal-fatt allegat li hi tahdem, m'hemm l-ebda minimu ta' prova li dan hu minnu. Fir-rigward li l-appellant ma jahdimx, din il-Qorti thoss li din hi biss skuza biex

jeludi mill-obbligi tieghu. Mill-provi jirrizulta li fil-perjodu meta l-partijiet kienu separati *de facto*, l-appellant biegh zewg garaxxijiet parafernali u wkoll siefer diversi drabi. Ghalhekk, anke kieku stess ghall-grazzja tal-argument ma kienx jahdem, xorta wahda kellu mezzi biex jissoministra xi xorta ta' manteniment.

19. L-Ewwel Qorti akkordat is-somma ta' €349 fix-xahar manteniment ghall-appellata u €140 fix-xahar ghall-minuri Letizia. Inoltre l-appellant gie kkundannat ihallas arretrati ta' manteniment fis-somma ta' €32,495 ghall-appellata u kif ukoll is-somma ta €21,663 ghat-tfal.

20. Din il-Qorti hija tal-fehma illi ghandu jkun hemm temperament fir-rigward tal-ghoti ta' manteniment. Filwaqt li l-Qorti tapprezza x-xoghol indispensabbli li l-appellata ghamlet bhala omm li hadet hsieb wahedha iz-zewg uliedha, hija tal-fehma illi ma kien hemm xejn x'jimpediha milli tfittex xoghol, ghallinqas *part-time*, biex issostni lilha nnifisha u lil uliedha. Meta inbdew dawn il-proceduri, u cioe` fl-2002 bir-rikors li ppreceda din il-kawza, l-appellata kienet ghadha fit-tletinijiet taghha u ghalhekk il-probabbilita` li setghet issib xoghol kienet wahda reali. Illum l-eta` tal-appellata hija iktar avvanzata pero` dan ma jfissirx li ghandha xi impediment li tista' ssib xoghol biex issostni lilha nnifisha. Madankollu, dan ma jfissirx li l-appellant ghandu jigi ezonerat milli jibqa' jissoministralha manteniment tenut kont tat-tortijiet tieghu.

21. Ghalhekk fir-rigward ta' manteniment ghall-appellata din il-Qorti jidhrilha li l-istess manteniment ghandu jigi ridott ghal €200 fix-xahar u li dan jibqa' jigi somministrat anke jekk l-appellata ssib xoghol fiss.

22. Fir-rigward tal-manteniment tal-minuri Letizia Saliba dan m'ghandux jithallas mill-appellant stante li din se tkun tghix mieghu u ghaldaqstant ghandu jiehu hsieb il-htigijiet kollha taghha huwa.

23. It-tieni aspett ta' dan l-aggravju huwa dwar l-arretrati tal-manteniment dovut. L-appellant jissottometti illi l-appellata qatt m'ghamlet talba formali ghall-ghoti ta'

manteniment ghaliha jew ghal uliedhom. F'dan is-sens l-appellant isostni li l-ordni sabiex hu jhallas tali arretrati hija *extra petita*. Filwaqt li huwa veru li tul il-proceduri l-appellata qatt m'ghamlet talba sabiex jigi likwidat xi ammont ta' manteniment *pendente lite*, din il-Qorti hija tal-fehma li l-posizzjoni ta' minuri hija differenti minn dik ta' bejn il-mizzewgin. Kif qalet din il-Qorti fis-sentenza **Graziella DeCesare pro et noe v. John Bonnici deciza fil-25 ta' Novembru 2011,** *il-partijiet huma ftit jew wisq, liberi li jirregolaw il-posizzjoni reciproka taghhom kif huma jixtiequ, izda fejn jidhlu minuri, kull decizjoni li jiehdu l-ġenituri hija dejjem soggetta ghal skrutinju mill-qrati fl-ahjar interess tal-minuri. Il-missier u l-omm ghandhom dejjem obbligu li jmantnu lill-uliedhom minuri, u bhala debituri ta' tali obbligazzjoni, jridu jwettqu l-istess anke jekk ma jigux mitluba jaghmlu dan. Anke jekk omm ma tridx flus minghand il-missier, il-Qorti tista' xorta wahda tordna lill-missier jaghti sehemu, jekk hekk ikun jaqbel lill-minuri. Dan hu obbligu mixhut fuq iz-zewg genituri, u jekk wahda minnhom tkun hi li, waheda u ghal xi zmien, mantniet lill-ulied, il-genitur l-iehor hu fl-obbligu li jaghmel rifuzjoni tal-ispejjez inkorsi mill-ewwel genitur.*

24. Fir-rigward tal-manteniment fil-konfront tal-konjugi l-iehor, jekk dejjem ikunu jezistu l-estremi li tirrikjedi l-ligi, dan jibqa' dejjem dovut anke jekk ma jkunx hemm talba formali ghalih stante li tali dritt u obbligu johorgu *ope legis*. Fir-rigward tal-manteniment dovut lill-appellata din il-Qorti diga` espremiet ruhha aktar 'il fuq li fl-opinjoni taghha is-somma ta' €200 fix-xahar hija wahda gusta. Fir-rigward tal-arretrati ta' manteniment dovut ghat-tfal din il-Qorti thoss illi ghandha tvarja s-somma likwidata mill-Ewwel Qorti ghas-somma ta' €120 fix-xahar ghal kull wild u dan wara li hadet in konsiderazzjoni l-fatt li l-manteniment jirreferi wkoll ghal snin passati fejn l-ammont li solitalment kien jigi likwidat kien wiehed inferjuri minn dak moghti llum stante li kemm il-pagi tal-individwi u kemm l-ispiza ghall-ghixien kienet inqas.

25. Maghmula dawn il-konsiderazzjonijiet, din il-Qorti hija tal-fehma illi l-arretrati ta' manteniment dovuti mill-appellant huma s-segwenti:-

i. Arretrati dovuti lill-appellata ta’ €200 x 100 xahar[9] = €20,000
ii.Arretrati dovuti ghat-tifla Ritienne Saliba ta’ €120 x 71 xahar[10] = €8520
iii. Arretrati dovuti ghat-tifla Letizia Saliba ta’ €120 x 74 xahar[11] = €8880

26. Ghaldaqstant it-total dovuti lill-appellata rapprezentanti arretrati ghaliha u ghat-tfal huwa ta’ **€37,400.**

27. Stante li l-assi principali tal-komunjoni tal-akkwisti huma zewg garaxxijiet, din il-Qorti hija tal-fehma illi l-appellata ghandha tigi assenjata l-istess immobbli a sodisfazzjoni *in parte* tal-arretrati dovuti bhala manteniment taghha u ta’ uliedha. L-istess garaxxijiet gew stmati fis-somma ta’ €25,623. Ghalhekk wara tali assenjazzjoni jkun ghad fadal bilanc dovut lill-appellata fis-somma ta’ €11,777 liema bilanc ghandu jigi mhallas mill-appellant f’rati mensili ta’ elf ewro (€1000) fix-xahar mid-data ta’ din is-sentenza bl-ahhar pagament ikun ta’ seba’ mija u sebgha u sebghin ewro (€777).

28. Fir-rigward **tar-raba’ aggravju** l-appellant jilmenta mis-segwenti:-
i. Huwa ma qabilx mal-istima *arbitrio boni viri* li l-Ewwel Qorti ghamlet tal-vettura Ford Escort fl-ammont ta’ €2,329
ii. L-Ewwel Qorti illikwidat kreditu favur l-appellata ta’ €5707 rapprezentanti spejjez maghmula fid-dar matrimonjali waqt iz-zwieg
iii. L-Ewwel Qorti ordnatlu jhallas is-somma ta’ €2329 ghal xi *appliances* u ghamara
iv. Isemmi wkoll l-assenjazzjoni tad-deheb lill-partijiet rispettivi, pero` l-Qorti tirrileva m’hemm l-ebda aggravju formali f’dan ir-rigward.

29. Fir-rigward tal-vettura Ford Escort l-appellant isostni li din ma tiswiex iktar minn €932 filwaqt li l-Ewwel Qorti

[9] Mit-13 ta’ Jannar 2004 sat-13 ta’ Meju 2012.
[10] Mit-13 ta’ Jannar 2004 sat-12 ta’ Dicembru 2009 meta Ritienne jirrizulta li telqet minn mal-omm.
[11] Mit-13 ta’ Jannar 2004 sat-13 ta’ Marzu 2010 (Letizia jirrizulta li telqet fit-30 ta’ Marzu 2010).

stmatha *arbitrio boni viri* fl-ammont ta' €2329. Din il-Qorti ma tarax li ghandha tvarja d-diskrezzjoni ezercitata mill-Ewwel Qorti u ghalhekk tikkonferma li l-appellant ghandu jhallas nofs l-ammont likwidat, u cioe **€1164.50**, lill-appellata.

30. Fir-rigward tal-kreditu ta' €5707 favur l-appellata rapprezentanti xoghlijiet li saru matul iz-zwieg fid-dar matrimonjali parafernali tal-appellant, din il-Qorti taghmel referenza ghall-affidavit tal-appellata a fol. 391 fejn telenka x-xoghlijiet li saru fid-dar matrimonjali matul iz-zwieg. Din il-Qorti ma tara l-ebda raguni ghala ghandha tiddisturba l-apprezzament li ghamlet l-Ewwel Qorti, u bhalha taqbel illi il-verzjoni tal-appellata f'dan ir-rigward hija verosimili. Ix-xoghlijiet elenkati mill-appellata jammontaw ghal €5707. Ghalhekk il-kreditu dovut lilha huwa ta' nofs dan l-ammont u cioe` ta' €**2853.50** u mhux kif likwidat mill-Ewwel Qorti fl-ammont intier tal-istess xoghlijiet u dan peress li l-ammont minfuq jappartjeni lill-komunjoni tal-akkwisti.

31. Fir-rigward ta' kreditu ghas-salott u xi *appliances*, l-appellant isostni li dawn tista' zzommhom l-appellata u m'hu qieghed jippretendi xejn taghhom. L-Ewwel Qorti madankollu assenjat dawn il-mobbli lill-appellant u ordnatlu jhallas lill-appellata s-somma ta' €2329 bhala sehemha mill-istess. Din il-Qorti madankollu tirrileva illi l-appellata fl-affidavit taghha u precizament a fol. 396 issemmi li l-uniku *appliances* li jiffurmaw parti mill-komunjoni huma *tumble dryer* u satellita li nxtrat ghall-prezz ta' Lm380. Ghalhekk il-Qorti hija tal-fehma li jkun ingust li tigi likwidata somma ghal *appliances* ohra li skont l-appellata ma jiffurmawx parti mill-komunjoni tal-akkwisti. Ghaldaqstant f'dan is-sens il-Qorti qeghdha tvarja d-decizjoni tal-Ewwel Qorti fir-rigward tal-istess assenjazzjoni ta' kreditu ghal dawn l-*appliances* fis-sens li tistma l-istess *arbitrio boni viri* fis-somma ta' €1165 b'dan illi l-istess satellita u *tumble dryer,* billi jinsabu fid-dar matrimonjali, liema dar hija parafernali tal-appellant, ghandhom jibqghu fil-pussess tieghu u jghaddi lill-appellata s-somma ta' **€582.50** rapprezentanti sehemha mill-istess.

32. Fir-rigward tad-deheb, ghalkemm qieghed imsemmi fil-korp tal-appell, ma jirrizultax illi hemm xi tip ta' aggravju u jidher li z-zewg partijiet jaqblu illi kulhadd ghandu jzomm id-deheb tieghu.

33. Fl-ahharnett il-Qorti tirrileva illi fir-risposta taghha l-appellata ssemmi li ghandha tigi rifuza s-somma ta' Lm900 rapprezentanti sehemha minn zbank maghmul mill-appellant. Madankollu l-Qorti ma tistax f'dan l-istadju taghti xi tip ta' pronunzjament dwar din il-kwistjoni billi l-appellata ma ressqet l-ebda appell jew appell incidentali.

34. Fir-rigward tal-**hames aggravju** l-appellant isostni li m'ghandux ibati l-ispejjez kollha tal-kawza. Din il-Qorti tirrileva illi stante li kien hu li jirrizulta li kien hati tat-tifrik taz-zwieg ma jidhrilhiex li ghandha tiddipartixxi mill-konkluzjoni tal-Ewwel Qorti. Madankollu fir-rigward tal-ispejjez ta' dan l-appell, billi din il-Qorti qeghdha tilqa' uhud mill-aggravji mressqa minnu, l-appellant ghandu jbati zewg terzi tal-ispejjez u terz l-appellata.

**DECIDE**

35. Ghal dawn il-motivi tiddeciedi billi tirriforma s-sentenza appellata bil-mod segwenti:

1. Tikkonfermaha in kwantu laqghet l-ewwel talba u ppronunzjat is-separazzjoni personali bejn il-partijiet bi htija unika tal-attur;
2. Tvarja l-ghoti ta' manteniment favur il-konvenuta fis-sens kif intqal iktar 'il fuq u cioe` tikkundanna lill-attur ihallas lill-konvenuta s-somma ta' mitejn ewro (€200) kull xahar u dan anke jekk il-konvenuta ssib impjieg fiss, filwaqt li tastjeni milli tillikwida ammont ta' manteniment favur il-minuri Letizia Saliba peress li din se tkun tghix mal-attur. Il-Qorti qeghdha wkoll tikkundanna lill-attur ihallas lill-konvenuta is-somma komplessiva ta' €37,400 rapprezentanti arretrati ta' manteniment dovuti lilha u lil uliedhom Letizia u Ritenne ahwa Saliba, liema somma pero` qeghdha tigi in parte sodisfatta billi l-konvenuta qeghdha tigi assenjata iz-zewg garaxxijiet u cioe` l-garaxx

bin-numru mhux ufficjali hmistax (15) u bl-isem Pile Driver, fi Triq l-Ahmar, Marsascala kif ahjar deskritt fil-kuntratt ta' akkwist datat 12 ta' April tas-sena 2000 fl-atti tan-Nutar Dottor Marthese Felice, u l-garaxx numru erbatax (14) f'Fingest Court, Tower Road, Msida kif ahjar deskritt fil-kuntratt ta' akkwist datat 2 ta' Mejju tas-sena 2000 fl-atti tan-Nutar Dottor Marthese Felice, filwaqt li l-attur ghandu jhallas lill-konvenuta is-somma bilancjali ta' €11,777 fi f'pagamenti mensili mid-data ta' din is-sentenza ta' elf ewro fix-xahar (€1000) bl-ahhar pagament ikun ta' seba' mija u sebgha u sebghin ewro (€777).

3. Tvarja l-likwidazzjoni tal-komunjoni tal-akkwisti fis-sens illi tassenja lill-konvenuta z-zewg garaxxijiet u cioe` dak bin-numru mhux ufficjali hmistax (15) u bl-isem Pile Driver, fi Triq l-Ahmar, Marsascala kif ahjar deskritt fil-kuntratt ta' akkwist datat 12 ta' April tas-sena 2000 fl-atti tan-Nutar Dottor Marthese Felice, u l-garaxx numru erbatax (14) f'Fingest Court, Tower Road, Msida kif ahjar deskritt fil-kuntratt ta' akkwist datat 2 ta' Mejju tas-sena 2000 fl-atti tan-Nutar Dottor Marthese Felice, filwaqt li tikkundanna lill-attur ihallas lill-konvenuta s-somma ta' €2853.50 bhala sehemha minn flejjes li ntefqu fid-dar parafernali tal-attur, is-somma ta' €1164.50 bhala sehemha mill-vettura Ford Escort, u kif ukoll is-somma ta' €582.50 bhala sehemha mis-satellita u *tumble dryer* li gew assenjati lill-attur.

4. Tvarja l-kap tal-kura u kustodja fis-sens illi l-kura u kustodja tal-minuri Letizia Saliba ghandha tkun wahda kongunta bejn il-partijiet, filwaqt li l-istess minuri ghandha tabita mal-attur b'access liberu favur il-konvenuta.

5. Ghall-bqija is-sentenza tal-Ewwel Qorti qeghdha tigi konfermata.

L-ispejjez tal-ewwel istanza jibqghu kif decizi mill-Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja) filwaqt li dawk ta' dan l-appell jithallsu in kwantu zewg terzi ($^{2}/_{3}$) mill-attur appellant u terz ($^{1}/_{3}$) mill-konvenuta appellata.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------